**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 29 / 2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Justine Grech)**

**vs**

**Shirley Mamo**

Illum 4 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata Shirley Mamo, bint Mario u Rita nee' Grech, imwielda Pieta', Malta nhar il-5 ta' Settembru, 1984, residenti fil-fond St. Paul' s Court, Block I, Flat 3, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar, Malta u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 432884 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Frar, 2016, u fis-snin ta' qabel:

1. Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif

emendati, liema medicina nstabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

F' kaz ta' htija l-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22 (1) (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4 (1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, ma sabitx lill-imputata hatja skont l-akkuza kif dedotta u illiberatha minnha izda sabitha hatja ta' pussess semplici u ikkundannatha ghal penali ta' mitt ewro (€100).

Fl-ahharnett ordnat d-distruzzjoni tad-droga maqbuda.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Avukat Generali, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-4 t' Awwissu, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. TIDDIKJARA tali sentenza nulla u tipprocedi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi;
2. Jew alternattivament, f' kaz li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel aggravju dwar in-nullità tas-sentenza, THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellata Shirley Mamo hatja ta' l-unika imputazzjoni dedotta kontriha u tinfliggi piena skont il-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fid-19 ta' Lulju 2021, l-esponent ircieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti processwali fl-ismijiet

premessi, u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest hekk kif ser jigi spjegat aktar ' il quddiem f' dan ir-rikors;

**<u>L-Ewwel Aggravju</u>**

Illi l-ewwel aggravju tal-esponent huwa bbazzat fuq il-fatt illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet fuq premessi moghtija fit-8 ta' Lulju 2021 hija nulla u dan ghas-segwenti raguni;

Illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li l-qorti, *' meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u* ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat*** *'* ;[1]

Illi fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti taghmel referenza ghal *' Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-**Kap. 101** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-**Kap. 537** tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02'* . Madanakollu, l-appellata ma gietx akkuzata b' xi reat elenkat fl-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet tal-Malta, jew b' reat elenkat fl-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, izda b' reat ikkontemplat fl-**Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta**. Ghaldaqstant, meta l-Ewwel Qorti sabet lill-appellata hatja ta' pussess semplici u kkwotat artikoli li jikkontemplaw reati li l-appellata ma gietx akkuzata bihom mill-Pulizija Ezekuttiva, u li lanqas ma jirrizultaw mill-provi prodotti (kif ha jigi spjegat fit-tieni aggravju), wahda mill-formalitajiet elenkati fl-artikolu 382 hawn fuq citat ma gietx sodisfatta, u per konsegwenza dan jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan in-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalità sostanzjali fit-termini ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, f' liema kaz, jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.[2]

[1] Sottolinear tal-esponent.

[2] Ara *Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage,* Qorti ta' l-Appell Kriminali, Onor. Imhallef David Scicluna, 1 ta' Gunju 2011.

**<u>It-Tieni Aggravju</u>**

Illi **minghajr pregudizzju** ghas-suespost, it-tieni aggravju tal-esponent huwa bbazat fuq il-fatt li, fl-umli fehma tieghu, il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx legalment u ragonevolment tillibera lill-appellata mill-imputazzjoni kif dedotta, *ossia* dik ta' pussess ta' medicina psikotropika (*ecstasy)* f' cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha (liema reat huwa maghruf bhala ' pussess aggravat' );

Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti ddikjarat li kienet qed issib lill-appellata hatja ta' pussess semplici, minflok ta' pussess aggravat, u dan wara li l-Qorti hasset *' li ghandu mis-sewwa dak li stqarret l-imputata waqt dawn il-proceduri li zewg pilloli biss kienu taghha' ;*

Illi l-elementi li jsawwru r-reat ta' pussess ta' droga f' cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, komunament maghruf bhala pussess aggravat, gew analizzati fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza *Il-Pulizija vs Jason Mallia* tat-2 ta' Settembru 1999 liema sentenza l-esponent ser jaghmel referenza ghaliha:

> ' Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, **jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur**, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmaha. Ghalhekk, **persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha**

> **minghajr raguni valida** skond il-ligi biex eventwalment tara x' taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha.' [3]

Illi maqghud ma' dan, biex persuna tinstab hatja ta' pussess aggravat, mhuwiex mehtieg li tigi ppruvata l-intenzjoni ta' spacc. In fatti, fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri* tas-27 ta' April 2017[4], il-Qorti ddikjarat illi:

> ' Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li jressaq ' il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni Ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioè li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc.'

Illi applikati dawn il-principji ghall-fatti kif jemergu mill-atti processwali, l-esponent huwa tal-umli fehma li jikkonkorru l-elementi tar-reat ta' pussess aggravat u dan fid-

[3] Sottolinear tal-esponent.
[4] Appell Nru: 243/2016.

dawl ta' dak li stqarret l-appellata stess fit-testimonjanza taghha ta' nhar it-3 ta' Gunju 2021 fil-prezenza tal-avukat taghha;

Illi l-appellata xehdet li hija kellha fil-pussess taghha 7 pilloli *ecstasy*. Hija tghid ukoll li tnejn minn dawn il-pilloli xtrathom hi u li kienu taghha, u li l-kumplament tal-pilloli xtrawhom shabha però kienet qed izzomm il-pilloli kollha hi - kemm dawk li xtrat hi u kemm dawk li xtraw shabha;[5]

Illi l-appellata *ex admissis* kienet fil-pussess ta' droga **li ma kinitx kollha ghall-uzu esklussiv taghha**. Hija stess tistqarr li d-droga fil-pussess taghha ma kinitx ser tikkonsmaha kollha hi u allura dan ifisser li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt legalment u ragonevolment ma ssibx lill-appellata hatja ta' pussess ta' droga mhux ghall-uzu esklussiv taghha;

Illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti rrimarkat li *' zewg pilloli biss kienu taghha u li hija kienet qeghda zzomm il-kumplament li ma kinux taghha'* [6]. Hawnhekk l-esponent jirrileva li l-ligi titkellem dwar min ikollu l-***pussess*** tad-droga u mhux dwar min ikun is-***sid*** taghha. Dan ifisser li biex l-appellata tinstab hatja ta' pussess aggravat, ma jridx jigi ppruvat li l-appellata kienet is-sid tad-droga kollha li kellha fil-pussess taghha izda li kienet fil-pussess ta' droga li ma kinitx bi hsiebha tuza hi, u ghaldaqstant, huwa rrelevanti min kien is-sid tad-droga jew min hareg il-flus ghad-droga li kellha l-appellata fil-pussess taghha. Illi l-Ewwel Qorti stess irrikonoxxiet li l-appellata kienet qed izzomm seba' pilloli fil-pussess taghha, u ghalhekk l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett, ma setghetx issibha responsabbli biss ta' dawk iz-zewg pilloli li, skont l-appellata, kienu taghha, u tiskarta l-pilloli l-ohra li wkoll instabu fil-pussess taghha u li *ex admissis* ma kinux ghall-uzu esklussiv tal-appellata;

---

[5] Ara folio 68-69.

[6] Ara pagna 20 tas-sentenza.

Illi *in vista* tas-suespost, il-fatti pertinenti ta' dan il-kaz jikkostitwixxu l-elementi tar-reat ta' pussess aggravat u ghaldaqstant l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tillibera lill-appellata mill-imputazzjoni kif dedotta kontriha;

Illi l-esponent izid jghid li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt taghmel referenza u tapplika d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 4(1) tal-Kap. 537 u dan peress li dan jirrigwarda proceduri li jittiehdu quddiem il-Kummissarju ghall-Gustizzja fit-Tribunal, u meta l-akkuza ta' ksur tal-ligijiet dwar id-droga tikkonsisti, *inter alia,* f' akkuza ta' pussess ta' **zewg pilloli *ecstasy*** f' cirkostanzi li ma jwasslux li wiehed ragonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex **ghall-uzu personali** tal-persuna li ghandha l-pussess taghha. Illi fil-kaz odjern, l-appellata tressqet quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex twiegeb ghall-akkuza ta' pussess ta' droga *ecstasy* f' ammont ta' **seba' pilloli** f' cirkostanzi li juru li dik id-droga **ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha**, u ghaldaqstant l-artikolu 4(1) tal-Kap. 537 mhuwiex applikabbli;

Illi *in oltre*, u **minghajr pregudizzju** ghas-suespost, mill-att ta' apprezzament tal-provi, l-esponent ma jsibx konvincenti r-raguni moghtija mill-appellata ghaliex kienet qed izzomm id-droga kollha hi – skont hi ghaliex kollox sehh ta' malajr – u ghalhekk hadet dak ir-riskju kollu, meta filfatt ma kien hemm xejn li jzomm lil shabha, li suppost kienu qeghdin maghha, li jiehdu almenu sehemhom mid-droga, bil-konsegwenza li r-riskju ghall-appellata kien jonqos ferm. Apparti minn hekk, l-esponent jarha inverosimili kif, skont l-appellata, kollox sehh ' ta' malajr' , u fl-istess hin kellha cans tiftah il-borza u tiehu nofs pillola milli xtrat u tibqa' izzomm il-kumplament tal-pilloli ta' shabha bir-riskji kollha li dan igib mieghu;

**<u>It-Tielet Aggravju</u>**

Illi l-ahhar aggravju tal-esponent huwa bbazat fuq il-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkundanna lill-appellata ghall-hlas tal-ispejjez peritali kif kellha l-obbligu li taghmel fit-termini tal-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi kif gej:

> Meta l-kawza ssir mill-Avukat Generali jew mill-Pulizija *ex officio*, il-qorti **ghandha** meta taghti s-sentenza jew f' kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas, lir-registratur, **tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez** li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, inkluzi dawk tal-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f' dak iz-zmien u f' dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni[7].

Illi l-ordni ghall-hlas tal-ispejjez peritali huwa wiehed tassattiv fl-eventwalità li jkun hemm sejbien ta' htija. Illi l-Ewwel Qorti sabet lill-appellata hatja ta' pussess semplici, u allura kellha tordna lill-appellata sabiex thallas l-ispejjez peritali kif rikjest fl-artikolu 533(1) tal-Kodici Kriminali;
Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta ta'……..

Ikkunsidrat,

[7] Sottolinear tal-esponent.

Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata b' aggravju ta' natura procedurali u cioe in-nullita tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti ghaliex l-Ewwel Qorti ma ccitatx l-artiklu tal-ligi li jiddisponi r-reat li bih l-akkuzata giet akkużata.

Din il-Qorti tibda qabel xejn sabiex tistħarreġ il-preġudizzjali tan-nullita li l-appellant eċċepixxa ai termini tal-Artikou 382 tal-Kodiċi Kriminali. L-appellant Avukat Generali jikkontendi illi s-sentenza appellata hija nulla in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati, fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Lulju 2021, naqset milli ssemmi l-artikolu li jikkontempla r-reat li bih l-akkuzata giet akkuzata u cioe dik naxxenti mill-Ordinanza Dwar il-Professjoni medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) u appuntu r-reat li kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub is-Supretendent tas-Sahha. Dan ghaliex l-Ewwel Qorti semmiet fis-sentenza taghha l-artikoli tal-Liġi li ma jiriflettux ir-reat li giet akkużata bih l-appellata u dan ghaliex iccitat it-Taqsimiet IV u V u l-artikolu 22 (1) (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 9 tal-LS 101.02.

Il-Qorti m'ghandiex ghalfejn taghmel konsiderazzjonijiet fit-tul dwar dan ghaliex l-appellant ghandu ragun. L-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> *382. Il-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.*

Dak li trid il-ligi hu semplicement li jkun indikat l-artikolu li dwaru tkun instabet htija, altrimenti jkun hemm nullita' (**Pulizija vs Trevor Farrugia** [8]) - mhux l-artikolu li jistabilixxi l-piena, jew l-artikolu li jaghmel r-reat aggravat (basta li jkun indikat l-artikolu tar-reat principali) (**Pulizija vs Michael Zarb**[9], jew li possibilment izzid il-piena, jew artikolu konsegwenzjali ghall-piena bhal dak dwar skwalifika ta' licenzja, izda biss u semplicement dak li jaghmel il-fatt imputabbli.

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar 1996
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-elementi - meqjusa *ad validitatem* - li sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għandu jkollha tinkludi **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat**[10], **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield**[11], **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon**[12], **Il-Pulizija vs. Carmel Attard**[13], **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia**[14], **Il-Pulizija vs. Philip Zahra**[15], **Il-Pulizija vs. Francis Mallia**[16] , Il-**Pulizija vs. Anthony Zahra**[17], **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[18],8 fost l-oħrajn, mnejn jirriżulta li dawn l-elementi imsemmija fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali qegħdin hemm biex jiġu osservati skrupolożament. L-interess ġuridiku tutelat b'din id-disposizzjoni u l-interpretazzjoni mogħtija lilha mill-ġurisprudenza iddur madwar il-fatt li n-nuqqas t'osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti jista' joħloq inċertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Fi kliem ieħor, minn qari tal-parti operativa tas-sentenza, l-imputat irid ikun f'pożizzjoni illi jifhem b'mod ċar il-bażi legali tal-ħtija tiegħu u l-fatti li fuqhom il-Qorti tkun hekk qiegħda ssibu ħati. Il-ġurisprudenza ma tippermettix wisq impreċiżjonijiet li jolqtu s-sustanza ta' dan l-interess ġuridiku tutelat.

Iżda mhux kull impreċiżjoni fit-tħaris tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali twassal għan-nullita' tas-sentenza appellata. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar fil-lokuzzjoni tiegħu li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti huwa li sentenza jrid ikun fiha referenza għall-**artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat**[19]. Dan ifisser li sentenza tkun nulla jekk ma tkunx issemmi d-dispożizzjonijiet tal-Liġi li tikkontempla r-reat. Dwar dan il-punt il-ġurisprudenza hija wkoll varja minħabba l-isfumaturi li tali nuqqas jew impreċizjoni jista' jassumi.

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Gunju.1994.
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April 2006
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Jannar .2019
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Gunju 2006
[14] Deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali d-19 ta' Novembru, .2015
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali it-28 ta' Settembru ,2017.
[16]Deciz mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Frar,1965
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju, 1987.
[19] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

Iżda s-sustanza ta' din id-disposizzjoni tibqa' ċara – in-nullita titnissel fil-każ li l-Qorti tonqos li ssemmi l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat.

28. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iċċitat artikolu 22 (1) (a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta Malta u r-Regolament 9 tal-LS 101.02. Biss ma hemm l-ebda dubju li din id-dispożizzjoni tal-Liġi mhix artikolu tal-Liġi tikkontempla r-reat li tagħha instabet ħatja l-appellata. Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) żbaljat meta kienet impreċiża fir-riferenza li għamlet għal dan l-artikolu;

Jinghad li din mhiex kwistjoni ta' "lapsus calami vel computeri" li ma jġibx in-nullita' tas-sentenza fit-termini tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminaliu kif mistqarr, inter alia, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Martin Pillow**[20] fejn ingħad:

> *In kwantu ghall-ewwel aggravju huwa evidenti li r-riferenza ghall-avviz legali 52/1996 huwa lapsus calami li ma jwassalx ghas-sanzjoni estrema tan-nullita' tas-sentenza appellata minkejja dak provdut fl-artikolu 382*[21] *tal-Kodici Kriminali peress li hu wisq evidenti mis-sentenza appellata stess li l-indikazzjoni 52/1996 hi wahda manifestament zbaljata u li l-indikazzjoni korretta li ghaliha riedet tirreferi l-ewwel Qorti kienet dik ghall-Avviz Legali 52/1986.*

Huwa essenzjali *sine qua non* li s-sentenza tkun tinkludi fiha l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali u li ikun fiha wkoll referenza għall-artikolu li jikkontempla r-reat - dik is-sentenza tibqa' valida anke jekk setgħet kienet impreċiża fis-sens li inkludiet riferenza għall-artikoli tal-ligi ohra ukoll jew li ccitat artikolu ta'

---

[20] Deċiża mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Novembru 2011.

[21] Ara Appelli Inf **P v Lorenzo Attard nhar il-** 25ta' Awwissu, 2008; **P v Mark Sapiano** deciz nhar it-8 ta' Mejju ,2006; **P v Robert Sultana**, deciz 22 ta' Marzu, 2005; **P v Marbeck Cremona** deciz nhar l-10 ta Settembru ,2007. Ara wkoll dwar l-effett ta' lapsus calami in generali: Appell Inf **P v Paul Borg**, deciz nhar is-6 ta Ottubru ,2003; **P v Amanda Pace** deciz nhar l-1 ta Ottubru, 2003; **P v Anthony Rapa** deciz nhar id-19 ta Settembru 2007; **P v Carmel Dimech et** deciz nhar it-2 ta Novembru,2007; **P v Charlot Aquilina**,deciz nhar l-20 ta Mejju, 2009; **P v David Briffa**,deciz nhar it-22 ta April, 2009; **P v Emanuel Bugeja**, 19/02/2004; **P v Francesca Bell** deciz nhar id-29 ta Marzu ,2006; **P v Francis Camilleri**, deci nhar il-25 ta Gunju ,2001; **P v Jeffrey Savage** deciz nhar l-1 ta Gunju ,2011; **P v James Demanuele** deciz nhar l-10 ta' Ottubru, 2004; **P v Jeffrey J. Brincat et** deciz nhar it-22 ta Awwissu ,2007, u diversi ohrajn

ċirkostanzi aggravanti. Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, kif jidher li x' aktarx gara f' dan il-kaz, dan il-fatt igib in-nullita' tas-sentenza appellata. (**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[22]" u ohrajn.)

Illi konsegwentement dan id-difett riskontrat fuq imsemmija necessarjament irid jwassal lil din il-Qorti sabiex "ex officio" tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi thassar u tannulla s-sentenza appellata w konsegwentement, sabiex ma tipprivax lill-partijiet, partikolarment lill-imputata, mill-beneficcju tad-*doppio esame*, qed tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi deciz mill-gdid skond il-ligi anki fid-dawl tal-principji ta' dritt fuq enuncjati.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur

[22] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-28 ta' Mejju 1987